# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

It-Tnejn 4 ta' Jannar 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams* nhar it-Tnejn 4 ta' Jannar 2021 fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 24.1 Talba

24.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 24.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 24.3 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan/a fi skala 15 *part time*;

24.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' skrivan/a *part-time* fi skala 15. Ir-rapport jelenka l-proċess kollu ta' din il-ħatra. Miż-żewġ applikanti nteressati u eliġibbli, waħda waqqgħet l-applikazzjoni tagħha. L-applikanta li attendiet għall-*interview* ma' ġabitx il-*pass mark* meħtieġa. Is-Sur Horace Micallef qal li jixtieq jara r-rapport tal-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x'ħin irid jista' jiġi l-Kunsill u jara r-rapport.

24.3.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport u laqa' r-rakkommandazzjoni tal-Bord tal-Għażla. Kien hemm qbil ukoll li din is-sejħa terġa tintbagħat għand il-Jobsplus biex toħroġ esternament, tkun tidher fuq il-websajt tal-Jobsplus u fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.20 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 29 ta' Jannar 2021.

Saviour Borg
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv